

31989R3906

23.12.1989

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 375/11

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 3906/89**tat-18 ta' Diċembru 1989****dwar il-ghajjnuna ekonomika lir-Repubblika ta' l-Ungerija u lir-Repubblika tal-Poplu Pollakk**

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 235 tiegħu;

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽¹⁾,

Billi l-Komunità u l-Istati Membri tagħha iddeċidew li jagħmlu sforz kombinat flimkien ma' ċerti pajjiżi terzi, sabiex jimplimentaw miżuri maħsuba biex jappoġġaw il-proċess tar-riforma ekonomika u soċjali li għaddejja fl-Ungerija and fil-Polonja;

Billi l-Komunità kkonkludiet Ftehimijiet dwar il-kummerċ u l-koperazzjoni kummerċjali u ekonomika mar-Repubblika ta' l-Ungerija u mar-Repubblika tal-Poplu Pollakk;

Billi l-Komunità jrid ikollha l-mezzi meħtieġa għad-dispożizzjoni tagħha sabiex tkun tista' timplimenta dawn il-miżuri;

Billi għandhom jiġu ddeterminati l-oqsma fejn għandhom jittieħdu dawn il-miżuri;

Billi huwa meħtieġ li ssir stima ta' l-ammont tar-riżorsi finanzjarji mill-Komunità meħtieġa sabiex jitwettqu dawn il-miżuri fl-1990;

Billi l-implementazzjoni ta' dawn il-miżuri trid tgħin fil-kisba tal-għanijiet tal-Komunità u billi t-Trattat ma jipprovdix, għall-miżuri in kwistjoni, poteri għajr dawk ta' l-Artikolu 235,

ADOPTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Il-Komunità għandha timplimenta miżuri ta' għajjnuna ekonomika favur ir-Repubblika ta' l-Ungerija u r-Repubblika tal-Poplu Pollakk skond il-kriterji stabbiliti b'dan ir-Regolament.

Artikolu 2

L-ammont tar-riżorsi Komunitarji meħtieġa sabiex jitwettqu l-miżuri introdotti b'dan ir-Regolament jammontaw għal 300 miljun ECU għall-perjodu taż-żmien li jtemm fil-31 ta' Diċembru 1990.

Artikolu 3

1. Il-ghajjnuna għandha tintuża primarjament sabiex tappoġġa l-proċess tar-riforma fil-Polonja u fl-Ungerija, b'mod partikolari

(1) Opinjoni mogħtija fl-14 ta' Diċembru 1989 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

billi tiffinanzja proġetti immirati lejn ir-ristrutturazzjoni ekonomika jew billi tipparteċipa fil-finanzjament tagħhom.

Dawn il-proġetti jew miżuri ta' kooperazzjoni għandhom jiġu midħula għalihom b'mod partikolari fl-oqsma ta' l-agrikoltura, l-industrija, l-investiment, l-enerġija, it-taħriġ, il-protezzjoni ambjentali, il-kummerċ u s-servizzi; għandhom ikunu mmirati b'mod partikolari lejn is-settur privat f l-Ungerija u fil-Polonja.

2. Għandhom jitqiesu, fost ħwejjeġ oħra, il-preferenzi u x-xewqat espressi mill-pajjiżi riċevituri interessati fil-għażla tal-miżuri li jridu jiġu ffinanzjati skond dan ir-Regolament.

Artikolu 4

L-ghajjnuna għandha tingħata mill-Komunità, jew indipendentement jew fil-għamla ta' kofinanzjament ma' l-Istati Membri, mal-Bank Ewropew ta' l-Investiment, ma' pajjiżi terzi jew ma' korpi multilaterali jew mill-pajjiżi riċevituri nfushom.

Artikolu 5

Ġeneralment, il-ghajjnuna Komunitarja għandha tkun fil-għamla ta' għotjiet. Jistgħu jiġġeneraw fondi li jistgħu jintużaw sabiex jiffinanzjaw proġetti jew miżuri ta' kooperazzjoni.

Artikolu 6

1. Il-ghajjnuna tista' tkopri n-nefqa fuq l-importazzjonijiet u n-nefqa lokali meħtieġa għat-twettiq tal-proġetti u tal-programmi.

It-taxxi, id-dazji u l-imposti u x-xiri ta' proprjetà għandhom jiġu esklużi mill-finanzjament Komunitarju.

2. L-ispejjeż tal-manutenzjoni u tal-ħidma jistgħu jkunu koperti bi programmi ta' taħriġ u ta' riċerka u bi proġetti oħra; madankollu, għal dawn ta' l-aħħar, dawn l-ispejjeż jistgħu ikunu koperti biss fl-istadju tal-bidu tat-twettiq u għandhom jonqsu kull ma jmur.

3. Madankollu, f'każ ta' kofinanzjament, għandhom jitqiesu f'kull każ il-proċeduri li jiġu applikati mill-provvedituri l-oħra tal-kapital.

Artikolu 7

1. F'każ ta' assistenza li taqbeż il-50 000 ECU u li tagħhom il-Komunità hija l-unika sors ta' għajjnuna barranija, il-parteċipazzjoni fl-offerti u fil-kuntratti għandhom ikunu miftuħa b'mod egwali għall-persuni naturali u legali ta' l-Istati Membri u tal-Polonja u l-Ungerija.

2. Il-paragrafu 1 għandu japplika wkoll għall-kofinanzjament.
3. Madankollu, fil-każ ta' kofinanzjament, il-parteċipazzjoni ta' pajjiżi terzi fl-offerti u fil-kuntratti tista' tiġi awtorizzata mill-Kummissjoni, iżda fuq il-bażi ta' każ b'każ biss, wara li l-każ jiġi eżaminat.

Artikolu 8

Il-Kummissjoni għandha tamministra l-għajnuna billi tqis il-proċeduri ta' l-Artikolu 9. Il-linji-gwida ġenerali li japplikaw għall-għajnuna u għall-programmi bbażati fuq is-settur għandhom jiġu adottati skond din il-proċedura.

Artikolu 9

1. Huwa hawnhekk imwaqqaf fil-Kummissjoni Kumitat dwar il-għajnuna għar-ristrutturazzjoni ekonomika fil-Polonja u fl-Ungerija, li jikkonsisti frappreżentanti ta' l-Istati Membri u ppresedut mir-rappreżentant tal-Kummissjoni. Osservatur mill-Bank Ewropew għall-Investment għandu jieħu sehem fil-proċeduri tal-Kumitat rigward il-kwistjonijiet li jinteressaw lill-Bank.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jissottometti lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jibgħat l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz fil-limitu taż-

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun applikabbli direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-18 ta' Diċembru 1989.

żmien li l-President jista' jstabilixxi skond l-urġenza tal-każ. L-opinjoni għandha tingħata bil-maġġoranza stabbilita bl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill ikun meħtieġ li jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fil-Kumitat għandhom jiġu mwieżna skond dan l-Artikolu. Il-President ma għandux jivvota.

3. Il-Kummissjoni għandha tadotta d-deċiżjonijiet li għandhom japplikaw immedjatament. Madankollu, jekk dawn id-deċiżjonijiet ma jkunux skond l-opinjoni tal-Kumitat, dawn għandhom jiġu kkomunikati mill-Kummissjoni lill-Kunsill minnufih. F'dan il-każ il-Kummissjoni għandha tidifferixxi l-applikazzjoni tal-miżuri li tkun iddeċidiet fuqhom għall-perjodu taż-żmien ta' sitt ġimgħat.

Il-Kunsill, permezz ta' maġġoranza kkwalifikata, jista' jieħu deċiżjoni differenti fil-limitu taż-żmien riferit fl-ewwel subparagrafu.

Artikolu 10

Mill-1990 il-Kummissjoni għandha tfassal rapport kull sena dwar l-implementazzjoni tal-ħidmiet ta' kooperazzjoni. Ir-rapport għandu jintbagħat lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Artikolu 11

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Għall-Kunsill

Il-President

R. DUMAS